# IRRID IMMUR TA' XBIEX

Irrid immur Ta' Xbiex għax hemm il-baħar
sbejjaħ, kaħlani u dejjem ġdid f'għajnejja,
ma jdejjaqlix lil qalbi : inħobb fil-wisa'
niġġerra qalb l-egħlieqi

bla tarf, ħadrana; imma tbeżżagħni l-medda
ta' baħar kbir u wiesa' daqs is-sema.
Inħobbu l-baħar, inħobbu żgħir quddiemi
biex ngħannqu sew b'għajnejja.

Irrid immur Ta' Xbiex għax hemm sabiħa
tidħak ukoll li lwienha, 'l hinn mill-baħar,
il-ħdura tal-prinjoli u l-liedna mqabbda
mas-swar taħt il-Furjana.

Għax hemm fis-skiet tad-djar ħelwin, bajdana,
nismagħhom il-mewġiet resqin imgħaġġla
ħa jbewsu 'l-blat bla heda. U nħoss riġlejja,
imdendla fuq xi blata,

jixxenglu 'l hawn u 'l hinn u jċafċfu fl-ilma
meta, b'xi ktieb fuq ħoġri, hemm fis-setaħ,
nilmaħ 'il-hinn mill-ktieb il-mewġ fiddieni
jiżżeffen f'wiċċ il-baħar.

Irrid immur Ta' Xbiex għax hemm il-baħar
ma jġorrx għajdut in-nies, 'mma jħobb fuq dahru
iqabbeż xi ċagħqiet, bid-daħk fuq fommu,
li jwaddbu t-tfal nibbiexa.

Fran. Camilleri

# IL-COTTONERA FIL-HAMRUN

## "SKETCH" FIL-QOSOR

Il-gwerra li ninsabu għaddejjin minnha ġiebet taqlib li ħadd ma kien jobsor bih u jekk kien hawn xi ħadd li basru żgur ma kienx iġibu lil-kobor li ġie. Hemm taqlibiet oħra, iżda, li kien jobsorhom kull min f'moħħu għandu ftit melħ.

Taqliba li aktarx kullħadd kien jobsor biha hija t-tbattil tan-nies minn naħa għall-oħra ta' Malta, l-aktar ta' dawk in-nies li joqogħdu qrib l-imkejjen perikulużi.

Meta l-Gvern kien qiegħed iħejji l-Proġett tat-Tbattil, in-nies tal-Cottonera, magħrufin bin-nies tat-Tlitt Ibliet— l-Isla, il-Birgu u Bormla— kienu l-ewlenin fi ħsiebu. Qrib it-Tarzna, dawn it-Tlitt Ibliet ma satax ma jmisshomx is-sehem kiefer li misshom bil-ħbit tal-għadu mill-ajru.

In-nies tal-Cottonera, l-aktar nies ħaddiema, bieżla, dħulin u minn tagħna li qatt iltqajt magħhom, kellhom fuq qalbhom iħallu bliethom u jaraw fejn se jmorru jdabbru rashom. Mhux biss djarhom u t-toroq rebbieħa u storiċi tagħhom sfaw imġarrfin, imma wkoll il-knejjes għeżież tagħhom, xejn inqas storiċi u sbieħ.

Jien ukoll, ma' qrabati, kelli bil-qalb it-tajba nwarrab mill-Belt Valetta, fejn twelidt u trabbejt. Dar dar u triq triq, din il-belt ta' qalbi missha s-sehem tagħha wkoll.

U dari, għal ma' tul il-gwerra għamiltha l-Ħamrun. Qrib fejn noqgħod jien, hemm igħixu familji sħaħ mill-Cottonera. Min jaf kemm il-darba, kif kont għaddej imħasseb minn dawn it-toroq, ħassejtni nqum donni minn ħolma x'ħin nisma' nisa mill-Cottonera jitkellmu minn triq għall-oħra bl-aċċent im-ħejjem tagħhom u b'dik l-ittra ta' bejn il-*k* u l-*q* li huma jleħħnu minn gerżumithom u li fl-alfabet Malti m'għandniex bħalha—ittra li dawk li ma tweldux fil-Cottonera għalxejn jippruvaw ileħħnu.

Min qatt kellu jħallem lil Rafel u lil Nikol Cottoner, il-Gran Mastri aħwa li għalihom huma msemmijin it-Tlitt Ibliet, x'kellhom jerġgħu jaraw in-nies ta' l-Isla, il-Birgu u Bormla ! Dan il-ħsieb bosta drabi għadda minn moħħi u missli qalbi !

Din il-biċċa fejn jgħixu dawn in-nies nistħajjilha Soho, dik in-naħa fil-Punent ta' Londra li jgħixu fiha l-aktar il-barranin, il-kotra Taljani.